
MONS SION IN JERUSAL

B'TIFKIRA TAZ-ZJARA TAL-PAPA PAWLU VI

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*



Il-Ghaxar Sena — APRIL-ĠUNJU, 1964. — Ghadd 2.

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Il-Ghaxar Sena APRIL-GUNJU, 1964. Ghadd 2.

X'FIH DAN IL-GHADD

Fuq Din Il-Ħarġa ... ... ... ... ... ... (*Editorjal*).

*Iż-Żjara Tal-Papa Pawlu VI*
*Lill-Art Imqaddsa*

1. Tluq minn Ruma ... ... ... ... ... ... ... 34
2. Wasla F'Għammân ... ... ... ... ... ... ... 35
3. Fuq Xatt Il-Ġurdân ... ... ... ... ... ... ... 36
4. Waqfa Żgħira F'Betgħanja ... ... ... ... ... ... 37
5. Rewwixta ta' Ferħ U Vija Sagra ... ... ... ... ... 39
6. Il-Quddiesa u L-Laqgħat ... ... ... ... ... ... 41

*Il-Papa Jżur Israël*

7. Il-Laqgħa F'Megiddo ... ... ... ... ... ... 45
8. F'Nazaret ... ... ... ... ... ... ... ... 46
9. Kafar-Nahum U Ma'Dwarha ... ... ... ... ... 48
10. Mill-Ġdid Ġerusalem ... ... ... ... ... ... 50
11. F'Betlehem ... ... ... ... ... ... ... ... 53
12. Tluq lejn Ruma ... ... ... ... ... ... ... 55

*Żjiediet*

Żjieda "A". Kliem tal-Papa f'Bab il-Għamûd ... ... ... 57
Żjieda "B". Kliem tal-Papa f'Nazaret ... ... ... ... ... 58
Żjieda "C". Kliem tal-Papa F'Betlehem ... ... ... ... 61

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# FUQ DIN IL-HARGA

*Billi Malta tajjeb jew ħażin, pajjiż Kattolku, mija fil-mija; u billi ż-Żjara ta' Ras il-Knisja Kattolka, Papa Pawlu VI, lill-ART IMQADDSA, hija ġrajja waħdiena fl-Istorja — għax hi l-ewwel, mit-twaqqif tad-Din Nisrani sal-lum — aħna, l-Editur u l-Istaff ta' dan-naqra ta' "Qari", ħsibna li l-gazzetti ta' Malta kienu sa jxandru, jum b'jum, fejn mar, x'għamel u x'qal il-Papa, fiż-żmien li dam il-Palestina. Għal hekk konna qtajna li nxandru l-aħbar taż-Żjara fil-qasir, biex ma ntennux dak li n-nies kienu laħqu qraw. Imma wara rajna li konna "għaddejna l-flieles qabel faqsu", għax il-gazzetti ta' Malta aktar għoġobhom jimxu fuq tal-Ingilterra, li ġiebu ftit aħbarijiet fuq iż-Żjara tal-Papa, milli fuq tal-Italja, li xandru l-ġrajjiet kollha bir-rqaqat, u l-fehmiet ta' min kiteb ukoll.*

*Għal hekk, malli rajna dan, qbadna qabda gazzetti Taljani u ftit Ingliżi u ġbarna mninhom, bis-sabar — u bil-għaġla; għax aħna tfal tax-xogħol, u żmien ħâli jkollna ftit—il-kitba li taraw f'dan il-għadd. Sibna tfixkil filli r-"reporters" Taljani kienu ħafna, u kull wieħed minnhom kellu xogħol: min jikteb x'isir barra l-knisja; min ġewwa l-knisja; u min imur fil-karozza, mal-ġilwa tal-Papa, jikteb x'isir fit-triq. Għal hekk aħna kellna nagħmlu bħal* jig-saw puzzle, *inlaqqgħu biċċa-biċċa, u nagħmlu kollox ħaġa waħda, u noħorġuha ktieb. Sibna wkoll tfixkil ieħor żgħir, u sewwejnieh. Dan kien li r-"reporters" l-ART IMQADDSA ma k i e n u x jafuha sew, hekk għeltu kemm il-għalta, għad li m'hux għal bil-għan. Bħal kieku: wieħed qal li Ġebel iż-Żebbuġ jinsab Betlehem (waqt li hu jinsab fix-Xerq, ħdejn Ġerusalem); li l-Papa qaddes fuq il-Kalvarju (waqt li qaddes isfel, quddiem il-bieb tal-Qabar. Tala' l-Kalvarju wara l-quddies); li fil-Għar ta' Betlehem, jisimgħu kliem il-Papa kien hemm Insara, Misilmin, u Lhud (Lhud ma jstax ikun li kien hemm. Għax Betlehem jinsab fil-Ġordânja, u fil-Ġordânja kollha ma hemm ebda Lhudi). U għaltiet oħra bħal dawn, li sewwejnieħom malajr, għax dik l-art, aħna nafuha sew.*

*Sibna wkoll tfixkil ieħor, kbir ġmielu, li sa ngħidulkom bih mill-ewwel, għax neħelsu minnu għal kollox ma stajniex. Dan hu l-qlib għal Malti ta' kliem il-Papa. Il-kliem li qal il-Papa Pawlu VI, Ras il-Knisja, kien l-aktar għal Kbar-il-Kbar, għan-nies ta' qagħda kbira u hemmija, biex jifhmuh, iqisuh u jiżnuh u jixtarruh. Għal hekk mimli bi ħsibijiet għolja u kliem magħżul ta' daż-żmien, ta' Filosofija u Teoloġija, u għelm ieħor ta' dak il-mejl. Il-lsien ta' Malta huwa lsien qaddis u l-lsien qadim, imma m'hux ilsien irqiq. Hu lsien tal-bdiewa, tar-rgħajja, tas-sajjieda, u fil-qasir, tal-ħaddiema tal-idejn, m'hux tal-fellejja tal-ħsebijiet.*

*Għal hekk kellna nitqannew u nqabblu kliem il-Papa mill-aħjar li nistgħu mal-Malti, imma li naqalbuh "ad litteram" sibniha li hi ħaġa li li ma tistax tkun. Mela min jaqra nitolbuh li jżomm quddiem għajnejh li fejn imiss kliem il-Papa, ma jsibx qlib bir-reqqa, imma jsib TAQRIB.*

*Li għedna, naħsbu li hu biż-żejjed, biex il-qarreja tagħna jkunu jafu l-kif u l-għala ta' din il-ħarġa, li hi xorta oħra mill-oħrajn.*

*ID-DIREZZJONI.*